IL-KUMMISSJONI

DECIZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Mejju 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2003/135/KE fir-rigward tal-pjan ta' qerda u tilqim ta' emerġenza għall-ħnieżer selvaġġi kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti żoni tal-Ġermanja

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3953)

(It-testi bil-Franċiż u l-Ġermaniż biss huma awtentiċi)

(2009/422/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer, [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 16(1) u 20(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/135/KE tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer u l-vaċċinazzjoni ta' emerġenza ta' ħnieżer selvaġġi kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja, fl-istati federali tas-Sassonja ta' Isfel, tar-Rhine tat-Tramuntana-Westphalia, tar-Rhineland-Palatinate u tas-Saarland [2] ġiet adottata bħala waħda minn numru ta' miżuri fil-ġlieda kontra l-marda tad-deni klassiku tal-ħnieżer.

(2) Il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni bl-iżvilupp riċenti ta' dik il-marda fil-ħnieżer selvaġġi f'ċerti żoni tal-istat federali tar-Rhineland Palatinate.

(3) Ġew irrappurtati każijiet ġodda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer selvaġġi fin-naħa ta' isfel ta' Rhineland Palatinate. Għalhekk, il-pjanijiet għall-qerda u għat-tilqim ta' emerġenza għad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi għandhom jiġu applikati f'dik iż-żona.

(4) Id-Deċiżjoni 2003/135/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2003/135/KE huwa mibdul bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5.
[2] ĠU L 53, 28.2.2003, p. 47.

ANNESS

"ANNESS

1. **ŻONI FEJN PJANIJIET TA' QERDA HUMA FIS-SE~~HH~~**

A. **Fl-istat federali tar-Rhineland-Palatinate**

(a) fil-Kreis Ahrweiler: il-muniċipalitajiet ta' Adenau u Altenahr.

(b) fil-Landkreis Vulkaneifel: fil-muniċipalità ta' Obere Kyll il-lokalitajiet ta' Birgel, Esch, Feusdorf u Jünkerath, fil-muniċipalità ta' Hillesheim il-lokalitajiet ta' Berndorf, Dohm-Lammersdorf, Hillesheim, Kerpen, Nohn, Oberehe-Stroheich, Üxheim, Walsdorf u Wiesbaum, fil-muniċipalità ta' Daun il-lokalità ta' Dreis-Brück, fil-muniċipalità ta' Kelberg il-lokalitajiet ta' Beinhausen, Bodenbach, Bongard, Borler, Boxberg, Brücktal, Drees, Gelenberg, Kelberg, Kirsbach, Neichen, Nitz, Reimerath u Welcherath.

(c) il-Kreise Altenkirchen u Neuwied.

(d) fi Kreis Westerwald: il-muniċipalitajiet ta' Bad Marienberg, Hachenburg, Ransbach-Baumbach, Rennerod, Selters, Wallmerod u Westerburg, il-muniċipalità ta' Höhr-Grenzhausen fit-tramuntana tal-awtostrada A48, il-muniċipalità ta' Montabaur fit-tramuntana tal-awtostrada A3 u l-muniċipalità ta' Wirges fit-tramuntana tal-awtostradi A48 u A3.

(e) fil-Landkreis Südwestpfalz: fil-muniċipalità ta' Pirmasens-Land il-lokalitajiet ta' Kröppen fix-xlokk ta' L 483, Vinningen fix-xlokk ta' L 478 u L 484, Schweix, Hilst, Trulben u Eppenbrunn, fil-muniċipalità ta' Dahner Felsenland il-lokalitajiet Bobenthal, Bruchweiler-Bärenbach, Bundenthal, Erlenbach bei Dahn, Fischbach bei Dahn, Hirschthal, Ludwigswinkel, Niederschlettenbach, Nothweiler, Rumbach u Schönau (Pfalz).

(f) fil-Landkreis Südwestpfalz il-muniċipalitajiet ta' Thaleischweiler-Fröschen, Waldfischbach-Burgalben u Wallhalben.

(g) fil-Kreis Kaiserslautern il-muniċipalitajiet ta' Bruchmühlbach-Miesau fin-naħa ta' isfel tal-awtostrada A6, Kaiserslautern-Süd u Landstuhl.

(h) il-belt ta' Kaiserslautern fin-naħa ta' isfel tal-awtostrada A6.

B. **Fl-istat federali ta' Rhine tat-Tramuntana-Westfalia**

(a) fil-Kreis Euskirchen: il-belt ta' Bad Münstereifel, fil-belt ta' Mechernich il-lokalitajiet ta' Antweiler, Harzheim, Holzheim, Lessenich, Rißdorf, Wachendorf u Weiler am Berge, fil-belt ta' Euskirchen il-lokalitajiet ta' Billig, Euenheim, Euskirchen, Flamersheim, Kirchheim, Kuchenheim, Kreuzweingarten, Niederkastenholz, Palmersheim, Rheder, Roitzheim, Schweinheim u Stotzheim, fil-muniċipalità ta' Nettersheim il-lokalitajiet ta' Bouderath, Buir, Engelgau, Frohngau, Holzmühlheim, Pesch, Tondorf und Roderath, fil-muniċipalità ta' Dahlem il-lokalità ta' Dahlem u l-muniċipalità ta' Blankenheim, ħlief il-lokalità ta' Blankenheimer Wald.

(b) fir-Rhein-Sieg-Kreis: fil-belt ta' Meckenheim il-lokalitajiet ta' Ersdorf u Altendorf, fil-belt ta' Rheinbach il-lokalitajiet ta' Oberdrees, Niederdrees, Wormersdorf, Todenfeld, Hilberath, Merzbach, Irlenbusch, Queckenberg, Kleinschlehbach, Großschlehbach, Loch, Berscheidt, Eichen u Kurtenberg, fil-muniċipalità ta' Swisttal il-lokalitajiet ta' Miel u Odendorf, il-bliet ta' Bad Honnef, Königswinter, Hennef (Sieg), Sankt Augustin, Niederkassel, Troisdorf, Siegburg u Lohmar u l-muniċipalitajiet ta' Neunkirchen-Seelscheid, Eitorf, Ruppichteroth, Windeck u Much.

(c) fil-Kreis Siegen-Wittgenstein fil-muniċipalità ta' Kreuztal il-lokalitajiet ta' Krombach, Eichen, Fellinghausen, Osthelden, Junkernhees u Mittelhees, fil-belt ta' Siegen il-lokalitajiet ta' Sohlbach, Dillnhütten, Geisweid, Birlenbach, Trupbach, Seelbach, Achenbach, Lindenberg, Rosterberg, Rödgen, Obersdorf, Eisern u Eiserfeld, il-muniċipalitajiet ta' Freudenberg, Neunkirchen u Burbach, fil-muniċipalità ta' Wilnsdorf il-lokalitajiet ta' Rinsdorf u Wilden.

(d) fil-Kreis Olpe fil-belt ta' Drolshagen il-lokalitajiet ta' Drolshagen, Lüdespert, Schlade, Hützemert, Feldmannshof, Gipperich, Benolpe, Wormberg, Gelsingen, Husten, Halbhusten, Iseringhausen, Brachtpe, Berlinghausen, Eichen, Heiderhof, Forth u Buchhagen, fil-belt ta' Olpe l-lokalitajiet ta' Olpe, Rhode, Saßmicke, Dahl, Friedrichsthal, Thieringhausen, Günsen, Altenkleusheim, Rhonard, Stachelau, Lütringhausen u Rüblinghausen, il-muniċipalità ta' Wenden.

(e) fil-Kreis Märkische l-bliet ta' Halver, Kierspe u Meinerzhagen.

(f) fil-belt ta' Remscheid il-lokalitajiet Halle, Lusebusch, Hackenberg, Dörper Höhe, Niederlangenbach, Durchsholz, Nagelsberg, Kleebach, Niederfeldbach, Endringhausen, Lennep, Westerholt, Grenzwall, Birgden, Schneppendahl, Oberfeldbach, Hasenberg, Lüdorf, Engelsburg, Forsten, Oberlangenbach, Niederlangenbach, Karlsruhe, Sonnenscheln, Buchholzen, Bornefeld u Bergisch Born.

(g) fil-bliet ta' Köln u Bonn il-muniċipalitajiet fuq in-naħa tal-lemin tax-xmara Rhine.

(h) il-belt ta' Leverkusen.

(i) ir-Rheinisch-Bergische Kreis.

(j) l-Oberbergische Kreis.

2. **ŻONI FEJN QED JIĠI APPLIKAT IT-TILQIM TA' EMERĠENZA**

A. **Fl-istat federali tar-Rhineland-Palatinate**

(a) fil-Kreis Ahrweiler: il-muniċipalitajiet ta' Adenau u Altenahr.

(b) fil-Landkreis Vulkaneifel: fil-muniċipalità ta' Obere Kyll il-lokalitajiet ta' Birgel, Esch, Feusdorf u Jünkerath, fil-muniċipalità ta' Hillesheim il-lokalitajiet ta' Berndorf, Dohm-Lammersdorf, Hillesheim, Kerpen, Nohn, Oberehe-Stroheich, Üxheim, Walsdorf u Wiesbaum, fil-muniċipalità ta' Daun il-lokalità ta' Dreis-Brück, fil-muniċipalità ta' Kelberg il-lokalitajiet ta' Beinhausen, Bodenbach, Bongard, Borler, Boxberg, Brücktal, Drees, Gelenberg, Kelberg, Kirsbach, Neichen, Nitz, Reimerath u Welcherath.

(c) il-Kreise Altenkirchen u Neuwied.

(d) fi Kreis Westerwald: il-muniċipalitajiet ta' Bad Marienberg, Hachenburg, Ransbach-Baumbach, Rennerod, Selters, Wallmerod u Westerburg, il-muniċipalità Höhr-Grenzhausen fit-tramuntana tal-awtostrada A48, il-muniċipalità ta' Montabaur fit-tramuntana tal-awtostrada A3 u l-muniċipalità ta' Wirges fit-tramuntana tal-awtostradi A48 u A3.

(e) fil-Landkreis Südwestpfalz: fil-muniċipalità ta' Pirmasens-Land il-lokalitajiet Kröppen fix-xlokk ta' L 483, Vinningen fix-xlokk ta' L 478 u L 484, Schweix, Hilst, Trulben u Eppenbrunn, fil-muniċipalità ta' Dahner Felsenland il-lokalitajiet ta' Bobenthal, Bruchweiler-Bärenbach, Bundenthal, Erlenbach bei Dahn, Fischbach bei Dahn, Hirschthal, Ludwigswinkel, Niederschlettenbach, Nothweiler, Rumbach u Schönau (Pfalz).

(f) fil-Landkreis Südwestpfalz il-muniċipalitajiet Thaleischweiler-Fröschen, Waldfischbach-Burgalben u Wallhalben.

(g) fil-Kreis Kaiserslautern il-muniċipalitajiet ta' Bruchmühlbach-Miesau fin-naħa ta' isfel tal-awtostrada A6, Kaiserslautern-Süd u Landstuhl.

(h) il-belt ta' Kaiserslautern fin-naħa ta' isfel tal-awtostrada A6.

B. **Fl-istat federali ta' Rhine tat-Tramuntana-Westfalia**

(a) fil-Kreis Euskirchen: il-belt ta' Bad Münstereifel, fil-belt ta' Mechernich il-lokalitajiet ta' Antweiler, Harzheim, Holzheim, Lessenich, Rißdorf, Wachendorf u Weiler am Berge, fil-belt ta' Euskirchen il-lokalitajiet ta' Billig, Euenheim, Euskirchen, Flamersheim, Kirchheim, Kuchenheim, Kreuzweingarten, Niederkastenholz, Palmersheim, Rheder, Roitzheim, Schweinheim u Stotzheim, fil-muniċipalità ta' Nettersheim il-lokalitajiet ta' Bouderath, Buir, Engelgau, Frohngau, Holzmühlheim, Pesch, Tondorf und Roderath, fil-muniċipalità ta' Dahlem il-lokalità ta' Dahlem u l-muniċipalità ta' Blankenheim, ħlief il-lokalità ta' Blankenheimer Wald.

(b) fir-Rhein-Sieg-Kreis: fil-belt ta' Meckenheim il-lokalitajiet ta' Ersdorf u Altendorf, fil-belt ta' Rheinbach il-lokalitajiet ta' Oberdrees, Niederdrees, Wormersdorf, Todenfeld, Hilberath, Merzbach, Irlenbusch, Queckenberg, Kleinschlehbach, Großschlehbach, Loch, Berscheidt, Eichen u Kurtenberg, fil-muniċipalità ta' Swisttal il-lokalitajiet ta' Miel u Odendorf, il-bliet ta' Bad Honnef, Königswinter, Hennef (Sieg), Sankt Augustin, Niederkassel, Troisdorf, Siegburg u Lohmar u l-muniċipalitajiet ta' Neunkirchen-Seelscheid, Eitorf, Ruppichteroth, Windeck u Much.

(c) fil-Kreis Siegen-Wittgenstein fil-muniċipalità ta' Kreuztal il-lokalitajiet ta' Krombach, Eichen, Fellinghausen, Osthelden, Junkernhees u Mittelhees, fil-belt ta' Siegen il-lokalitajiet ta' Sohlbach, Dillnhütten, Geisweid, Birlenbach, Trupbach, Seelbach, Achenbach, Lindenberg, Rosterberg, Rödgen, Obersdorf, Eisern u Eiserfeld, il-muniċipalitajiet ta' Freudenberg, Neunkirchen u Burbach, fil-muniċipalità ta' Wilnsdorf il-lokalitajiet ta' Rinsdorf u Wilden.

(d) fil-Kreis Olpe fil-belt ta' Drolshagen il-lokalitajiet ta' Drolshagen, Lüdespert, Schlade, Hützemert, Feldmannshof, Gipperich, Benolpe, Wormberg, Gelsingen, Husten, Halbhusten, Iseringhausen, Brachtpe, Berlinghausen, Eichen, Heiderhof, Forth u Buchhagen, fil-belt ta' Olpe l-lokalitajiet ta' Olpe, Rhode, Saßmicke, Dahl, Friedrichsthal, Thieringhausen, Günsen, Altenkleusheim, Rhonard, Stachelau, Lütringhausen u Rüblinghausen, il-muniċipalità ta' Wenden.

(e) fil-Kreis Märkische l-bliet ta' Halver, Kierspe u Meinerzhagen.

(f) fil-belt ta' Remscheid il-lokalitajiet ta' Halle, Lusebusch, Hackenberg, Dörper Höhe, Niederlangenbach, Durchsholz, Nagelsberg, Kleebach, Niederfeldbach, Endringhausen, Lennep, Westerholt, Grenzwall, Birgden, Schneppendahl, Oberfeldbach, Hasenberg, Lüdorf, Engelsburg, Forsten, Oberlangenbach, Niederlangenbach, Karlsruhe, Sonnenschein, Buchholzen, Bornefeld u Bergisch Born.

(g) fil-bliet ta' Köln u Bonn il-muniċipalitajiet fuq in-naħa tal-lemin tax-xmara Rhine.

(h) il-belt ta' Leverkusen

(i) ir-Rheinisch-Bergische Kreis.

(j) l-Oberbergische Kreis."